

## IL-QORTI ĠENERALI

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2017 – L-Estonja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-117/15)<sup>(1)</sup>

*("Rikors għal annullament — Agrikoltura — Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Miżuri li għandhom jittieħdu minħabba l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda — Ammont li għandu jiġi impost għall-kwantitajiet żejda ta' zokkor mhux eliminati — Talba għal emenda ta' deċiżjoni definitiva tal-Kummissjoni — Ċaħda tat-talba — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att konfermattiv — Assenza ta' elementi ġodda u sostanzjali — Inammissibbiltà")*

(2017/C 144/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Estonjan*

#### **Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Estonja (rappreżentant: K. Kraavi-Käerdi, aġġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment L. Naaber-Kivisoo u P. Ondrušek, aġġenti, sussegwentement P. Ondrušek, assistit minn M. Kärson, avukat)

Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti: Ir-Repubblika tal-Latvja (rappreżentanti: I. Kalniņš u D. Pelše, aġġenti)

#### **Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tat-22 ta' Diċembru 2014 li tirrifjuta li temenda d-Deċiżjoni 2006/776/KE tagħha, tat-13 ta' Novembru 2006, dwar l-ammonti li għandhom jiġi imposti għall-kwantitajiet żejda ta' zokkor mhux eliminati (ĠU 2007, L 142M, p. 467).

#### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ir-Repubblika tal-Estonja hija kkundannata tħalli, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika tal-Latvja għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 171, 26.5.2015.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Marzu 2017 – IR vs EUIPO – Pirelli Tyre (popchrono)

(Kawża T-132/15)<sup>(1)</sup>

*[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali popchrono — Assenza ta’ użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]*

(2017/C 144/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

#### **Partijiet**

Rikorrent: IR (rappreżentant: C. de Marguerye, avukat)

Konvenut: L-Uffċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Palmero Cabezas, sussegwentement D. Gája, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjeni quddiem il-Qorti Ġeneral: Pirelli Tyre SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: T. Malte Müller u F. Togo, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħemes Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-13 ta' Frar 2015 (Każ R 217/2014-5), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Pirelli Tyre u IR.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) IR huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 311, 21.9.2015.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-22 ta' Marzu 2017 – Haswani vs Il-Kunsill

(Kawża T-231/15) <sup>(1)</sup>

("Politika barranija u sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi — Adattament tat-talbiet — Obbligu ta' motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Żball ta' evalwazzjoni — Proporzjonalità — Responsabbiltà mhux kuntrattwali")

(2017/C 144/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: George Haswani (Yabroud, is-Sirja) (rappreżentant: G. Karouni, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: inizjalment G. Étienne u S. Kyriakopoulou, sussegwentement S. Kyriakopoulou, aġenti)

Intervenjeni insostenn tat- konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: L. Havas u R. Tricot, aġenti)

### Suġġett

Minn naħa, talba abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/383, tas-6 ta' Marzu 2015, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2015, L 64, p. 41), tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/375 tas-6 ta' Marzu 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2015, L 64, p. 10), tad- Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/837, tat-28 ta' Mejju 2015, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2015, L 132, p. 82), tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/828, tat-28 ta' Mejju 2015, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2015, L 132, p. 3), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/850, tas-27 ta' Mejju 2016, li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2016, L 141, p. 125), u tar- Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/840, tas-27 ta' Mejju 2016, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2016, L 141, p. 30), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent u, min-naħħa l-oħra, talba abbażi tal-Artikolu 268 TFUE u intiża għal kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament sofra minħabba dawn l-atti.